A.L. 129 ta' l-1994

ORDINANZA TAD-DWANA
(KAP. 37)

Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Projbizzjoni ta' Importazzjoni ta' Fibri ta' l-Asbestos

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 82 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Projbizzjoni ta' Importazzjoni ta' Fibri ta' l-Asbestos. Titolu.

2. Ħadd ma jista' jimporta ġewwa Malta jew joħroġ minn depożt fibri ta' l-asbestos f'għamla msellta. Projbizzjoni ta' importazzjoni ta' fibri ta' l-asbestos.